# L-Aħjar Prattiki fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

## Kategorija tal-prattika: Kurrikuli Innovattivi jew Pjan ta' Taħriġ fi kwalunkwe Qasam Partikolari

Tip ta' prattika: L-Aħjar Prattika

Pajjiż: Franza

April 2014

| **Titlu tal-prattika** | Pakkett Komprensiv għall-Għoti ta' Taħriġ fuq Skala Kbira dwar Strumenti Ġuridiċi Ġodda |
|---|---|
| *Karatteristiċi prinċipali:* | Kull meta jkunu kkonfrontati b'bidliet leġiżlattivi fuq skala kbira jew bl-introduzzjoni ta' għodda ġuridika importanti ġdida fi kwalunkwe qasam tal-liġi, l-istituzzjonijiet tat-taħriġ jiffaċċaw il-bżonn li jipprovdu minnufih taħriġ adegwat f'dawk is-suġġetti lil għadd kbir ta' membri tal-ġudikatura.<br><br>It-taħriġ għandu jsegwi proċedura ta' ppjanar bir-reqqa, jirrifletti strateġija ta' taħriġ komprensiv, għandu jsir kemm jista' jkun bl-istess kundizzjonijiet tat-taħriġ, u, meta titqies l-iskala tat-taħriġ, għandu jkun kosteffettiv kemm jista' jkun.<br><br>Fi **Franza**, din il-kwistjoni ġiet ittrattata permezz tal-organizzazzjoni ta' bosta attivitajiet ta' taħriġ kontinwu li saru f'Pariġi u fid-disa' qrati tal-appell (mal-pajjiż kollu) fejn l-ENM għandha koordinaturi tat-taħriġ reġjonali. Dan il-pjan kien ikkomplementat mit-tfassil ta' kors ta' tagħlim elettroniku fwar ir-riforma ġuridika mtella' fuq l-intranet tal-ENM u aċċessibbli għall-imħallfin u l-uffiċjali ta' Franza fil-mument tal-adozzjoni tar-riforma. Huwa inkluda wkoll l-iżvilupp ta' dokumentazzjoni li ssir disponibbli kemm fuq il-karta u kemm fuq CD-ROM. |
| *Dettalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni* | National School for the Magistracy (ENM)<br>8, Rue de Chanoinesse<br>75004 Paris<br>France<br>Telefown: + 33 1 44 41 88 20<br>Faks: + 33 1 44 41 88 21 |

| | |
|---|---|
| | Email: enm-info-di@justice.fr<br>Sit elettroniku: http://www.enm-justice.fr |
| *Kummenti oħrajn* | L-eżempju ta' hawn fuq huwa **PRATTIKA TAJBA** biex tiġi ttrattata problema ta' dan it-tip. Huwa ppreżentat irrispettivament mill-qasam tal-liġi li japplika għalih. Hija trasferibbli faċilment u għandha tiġi adottata kull meta jkun possibbli. |

Sors: **Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prattiki fit-taħriġ ta' mħallfin u prosekuturi*", imwettaq min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)**